**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 125 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Jacqueline Hughes**

Illum 25 ta' Mejju, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Jacqueline Hughes detenur tal-karta tal-identita Maltija 278368 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Akkuzata talli nhar il-30/10/2022 ghall-habta tal-16:10hrs gewwa Triq Filippu Borg, Birkirkara;

1. Ingurjat, jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PS2001 J. Xuereb, PS408 M. Schembri, u PC79 A. Grixti, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kien ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzahom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2. Attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS2001 J. Xuereb, PS408 M. Schembri u PC79 A. Grixti, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il- ligi mill-Awtorita' kompetenti.

3. Naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilha minn PS2001 J. Xuereb, PS408 M. Schembri u PC79 A. Grixti jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma hallietx jew fixklet jew indahlet waqt il-qadi ta' dmirijietu.

4. Flok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kienet fis-sakra b'mod li ma kienetx tista' tiehu hsieb taghha innifisha.

5. Qalet fil-pubbliku xi kliem oxen jew indecenti, jew ghamlet atti jew gest oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

6. Volontarjament kissret il-bon ordni jew il-paci pubblika, b'ghajjat u storbju.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Rat li l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil- konfront taghha waqt is-seduta tal-14 ta' Frar, 2023.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-piena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ nhar l-14 ta’ Marzu, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7, 31, 95, 96(a) u 338 (g)(bb) (dd) (ee) (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil imputata hatja ta' l-

imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u kkundanata ghal perjodu ta' sena (1) prigunerija, li b'applikazzjoni ta' 1-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum, kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' erba' t'elef Euro (€ 4,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jacqueline Hughes, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliggi piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant Jacqueline Hughes li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**1. Illi dana l-aggravju huwa dwar il-piena u dana peress li l-appellanti rregistrat ammissjoni;**

Illi l-esponenti fis-sottomissjonijiet dwar il-piena u anke kif jixhdu l- affidavits tal-Pulizija, dakinhar kienet xorbot ftit alcohol waqt li kienet qed tiehu medicina preskritta minn Tabib. Illi filwaqt li hija tirrikonoxxi li ma' ghamlitx sewwa [ghalhekk irregistrat ammissjoni] hija tikkontendi b'rispett li l-Ewwel Qorti kienet harxa zzejjed fil-piena erogata u dana ghaliex l-esponenti kienet litteralment mitlufa minn sensieha u anke spiccat l-Isptar ghal kura minhabba f'dana l-incident. Illi l-esponenti skuzat ruhha ma' kullhadd u gharfet lill-Ewwel Qorti x'kien garalha biex dakinhar sehh dak li kienet akkuzata bih;

Illi minflok ma' kkunsidrat x'sehh, l-Ewwel Qorti b'rispett errogat piena harxa hafna kontra l-esponenti. Illi l-esponenti tikkontendi li fic- cirkostanzi l-peina kellha tkun lejn il-minimu u mhux dak moghtija.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2023.

**Ikkunsidrat,**

Illi f'dan l-appell, l-appellant jillanja s-sentenza appellata bl-aggravju singolari dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti b'argumenti li jistghu jkunu meqjusa bhala argument wiehed dwar l-idonejita' tal-piena karcerarja ossia n-nuqqas taghha ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

F'appelli ta' dan il-generu, il-gurisprudenza Maltija hija cara kristall. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kollegjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid deciza** [1], intqal is-segwenti : -

> *Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk ilpiena nflitta kenitx eccessiva jew le.*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-4 ta' Dicembru 2003

*Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

F'dawn il-proceduri t'appell mill-piena ghalhekk, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Magistrati setghetx legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-piena fis-sens li tistharreg jekk il-piena inflitta minnha kienetx skont il-kwalita u kwantita stabbiliti mill-Ligi, jew jekk kienetx zbaljata fil-principju jew kienetx manifestament eccessiva.

Kif gie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** [2] :

It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in **Blackstone's Criminal Practice 2004**:

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-25 ta Awwissu 2015

*Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."*

Mill-banda l-ohra, kif deciz fis-sentenza il**-Pulizija vs Tarquin Vella** [3]din il-Qorti trid taghmel l-evalwazzjoni taghha dwar jekk il-Qorti tal-Magistrati applikatx piena li kienet manifestament eccessiva meta wiehed jiehu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li gie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**[4], din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliciment ghaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku taghti kieku kienet hi li qeghda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieg li l-appellant juri li l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kienet tohrog barra mill-parametri tal-piena jew mizuri applikabbli ghall- kaz. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma zbaljati fil-principju, ghalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox ghal xi Gudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tigi mibdula jrid jigi

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar fil-15 ta' Dicembru 2020
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Dicembru 2005

pruvat li kien hemm xi zball fil-principju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra zviluppat ukoll il-kuncett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-kaz li din tkun eccessiva jew manifestament eccessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliciment ghax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naha aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eccessivita jew eccessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jigi milqugh jekk jirrizulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. ghall-offiza in kwistjoni u

b. ghac-cirkostanzi tal-hati

u mhux ghaliex tkun piena li tkun ghola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga ghall-kaz in kwistjoni.

Dawn il-principji gew ukoll imhaddnin minn din il-Qorti, kolleggjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** [5]deciza nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn gie mistqarr ukoll is-segwenti :

> *Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Il-gurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tghallem li meta Qorti tigi biex teroga piena trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-vitmi, l-

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Frar 2009

interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-hati. F'dan is-sens, kemm il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliza tistabbilixxi li fl-ezercizzju ta' revizjoni imholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreg appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis ic-cirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setghet kienet f'qaghda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Illi f'dan il-kaz il-piena applikabbli ghall-akkuzi originarjament migjuba kontra l-appellant jidhlu fil-parametri tal-piena imposta mill-Qorti tal-Magistrati. Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Ryan Dimech**[6] , *"hu pacifiku fil-gurisprudenza li biex Qorti taghti piena taht il-minimu, irid ikun hemm "ragunijiet specjali u straordinarji li jridu jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza"* li mhux il-kaz in desamina.

Ikkunsidrat ulterjorment,

L-ammissjoni tal-appellanti giet registrata fl-ewwel seduta appuntata ghas-smiegh u cioe nhar il-14 ta' Fra 2023 u ghalhekk din il-Qorti hija priva minn hafna provi. Izda jirrizultali fl-atti hemm esebita l-affidavits tal-kwerelanti PC 2001 L Xuereb u u PC 79 Antoine Grixti a fol. 3 et seq tal-atti processwali.

**PS 2001 J. Xuereb** jispejga li nhar il-Hadd 30 t' Ottubru, 2022, ghall-habta tal-16.10 p.m dahlet telefonata gewwa l-ghassa ta' Bkara fejn gew infurmati mill-kamra tal-kontroll room li gewwa Triq Filippu Borg, ezatt quddiem il-kazin tal-banda kien hemm persuna femminili li kienet qieghda tghajjat u tiggieled man nies kif ukoll li fuq il-post giet imsejha ambulanza mill-isptar Mater Dei. Ghalhekk huwa flimkien ma PS 408 M. Schembri u PC 79 A. Grixti irrikorrew fuq il-post b'mod immedjat.

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Ottubru 2004

Mal-wasla taghhom mal-ewwel giet innutata il-persuna relatata fejn kienet bil-qieghda fuq l-ghatba ta' residenza ezatt quddiem l-bar bl-isem ta' Leli Bistro tghajjat u titkellem ma' habib taghha certu Marco Vella. Ta min jghid ukoll li setghet tinxtam riha ta 'alcohol.

Il-pulizija ppruvat titkellem lil persuna relatata pero' meta il-pulizija staqsitha x'kien gara u sabiex tipprovdi d-dettalji taghha bdiet tirrispondi b'dan il-mod '*Jiena ghala zobbi minnkom*' u ghalkemm ppruvaw isaqsuha diversi drabi fejn anke wissewha illi jekk mhux ser tikkopera ser jkollha tittiehed gewwa l-ghassa tal-pulizija. Il-persuna relatata giet ikkonfermata minn fuq ID card taghha li kienet gol-portmoni zghir li gie mghoddi lill-pulizija mis-sieheb taghha Marco Vella.

Jacqueline giet infurmata li tinsab taht arrest kif ukoll giet moghtija d-drittijiet legali taghha bil-fomm izda irresistiet l-arrest u ghalhekk kellha tintuza l-forza minima necessarja sabiex tittiehed gewwa l-ghassa ta' B'kara sakemm tigi l-ambulanza sabiex ma tkunx ta' perkolu kemm ghaliha u kemm ghal terzi persuni.

Waqt li kienet l-ghassa l-appellanti kompliet tkun agggressiva fil-konfront tal-pulizija u t-tim mediku li rraporta sabiex jghatiha l-ghajnuna. Hija giet mehuda l-isptar bl-ambulanza immexxija minn Nurse R 5459 u escortata minn PS 2001 flimkien ma PC 1241 fejn waqt li kienet gewwa l-isptar, Jacquline kompliet tkun aggressiva u tghid kliem oxxen fil-konfront tal-pulizija u t-tim mediku kif ukoll f'hin minnhom xejret daqqa ta' sieq fejn laqtet lil PS 2001 bi sbrixx go mohha pero' li kieku l-pulizija ma kienux attenti kien jkollu konsegwenzi ghar. It-tim mediku ha hsieb jaghti trattament mediku lil Jacqueline Hughes.

**PC 79 Antoine Grixti** xehed ukoll permezz tal-affidavit mahluf fid-19 ta' Novembru, 2022 quddiem l-Ispettur Godwin Scerri u kkonferma dak li qal ix-xhud kollega tieghu PS 2001 J. Xuereb. Jghid li nhar il-hadd 30 t' Ottubru, 2022, ghall-habta ta' 16.10 p.m ircevew telefonata fl-ghassa tal-pulizija ta' B'kara fejn gew infurmati li fi Triq Filippu

Borg, B'kara kien hemm persuna femminili li hebbet ghal xi nies li kien ghaddejjin u li kienet qieghda taghmel l-istorbju. Huwa flimkien ma PS 408 u PS 2001 marru fuq il-post fejn osservaw persuna mixhuta ma l-art li kienet tidher taht l-effett ta' xi sustanza jew alcohol tghajjat u titkellem hazin. Hdejh kien hemm certu Marco Vella li qalilhom li dik il-persuna kienet habiba tieghu u li beda jiprova jikkonvinciha sabiex tqum minn hemm u tmur d-dar. Minhabba li din il-persuna kienet tidher li ma setghetx tiehu hsieb taghha innifisha sejhu ghall-assistenza medika.

Din il-persuna bdiet tinsulentahom bi kliem u baqghet taghmel l-istorbju u ma rieditix taghtihom dettalji taghha u tghidilhom '*jiena ghala bieb zobbi minnkom, intom kollha liba u ma rridx intikom id-dettalji ghax mhux affari taghkom.*' Hawnhekk wissewha li jekk mhux ser tikkoopera ser tigi arrestata. Din il-persuna stabilew li kienet certu Jacqueline Hughes. Din baqghet aggressiva u wara li giet infurmata li qieghda taht arrest u moghtija d-drittijiet taghha kellha tintuza l-forza minima necessarja sabiex giet mehuda l-ghassa ta' B'kara ghaliex baqghet tirresisti l-arrest. Taw struzzjonijiet lit-team mediku sabiex sabiex jibqa' sejjer l-ghassa minhabba li dawn kienu ghandhom ma waslux fuq il-post.

Fl-ghassa ta' B'kara, Hughes baqghet tkun aggressiva kemm lejhom u kemm lejn it-tim mediku li gew biex jassistuha u kellha tittiehed l-Isptar Mater Dei taht skorta ta' PS 2001 u PC 1241.

**Ikkunsidrat,**

Illi ma hemmx dubbju li dak li ammettiet ghalih quddiem l-ewwel Qorti fil-fatt sehh. L-appellanti titlob lil din il-Qorti sabiex tkun klementi maghha. Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex hija ghandha tiddipartixxi minn dak deciz mill-ewwel Qorti molto piu meta tqis li l-akkuzi inkwistjoni saru fil-konfront t' ufficcjal pubbliku. Illi din il-Qorti ghandha taghti l-protezzjoni taghha lill-ufficcjali tal-pulizija li jkunu fit-triq biex jipprotegu lic-cittadini minn aggressjoni bhal din. Dan

zgur li ma hux atteggjament li mara ghandha turi lill-pulizija u dan ta' xejn b'xejn. Bizzejjed jinghad li hafna mis-sentenzi nostrana jghidu li wasal iz-zmien li jinghataw pieni karcerarja effettivi f'imgieba bhal dan sabiex tissarraf f'deterrent ghal min joghgbu jgib ruhu b'manjiera simili.

Din il-Qorti rat ukoll il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita fl-atti a fol. 71 u rat li diga nstabet hatja ta' reati ohra u ghalhekk lanqas ma tista' tigi trattata *'bhala a first time offender'*.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li din is-sentenza ghandha tigi konfemata in toto. Il-multa inflitta t' erbat elef euro (€4,000) tista' tithallas ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta f'rati mensili u konsekuttivi ta' €125 u f'kaz li l-appellanti tonqos li taghmel imqar pagament wiehed il-bilanc estanti ghandu jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**